DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

tal-5 ta' Diċembru 2011

dwar l-ammissjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għall-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea [1],

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew [2],

Billi r-Repubblika tal-Kroazja applikat biex issir membru tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu waħdieni

Il-Kunsill jaċċetta din l-applikazzjoni għall-ammissjoni; il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni u l-aġġustamenti lit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, li jkunu meħtieġa b'tali ammissjoni, għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kunsill
Il-President
M. DOWGIELEWICZ

---

[1] Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.